Maltese

# SWEP – KUMMENTI

**Kif nagħti l-kummenti tiegħi?**

Inti tista’ tagħti l-kummenti tiegħek billi tagħżel wieħed minn dawn li ġejjin:

- Imla formola tal-kummenti (li tista’ tinkiseb billi tniżżel waħda mill-websajt tagħna **http://swep.bhs.org.au/** jew billi tikkuntattjana u aħna nistgħu nibgħatuhielek).
- Ċempel lill-linja tas-Servizz tal-Klijent fuq: **1300 PH SWEP (1300 747 937) jew (03) 5333 8100**. Jekk għandek bżonn interpretu, jew għandek impediment tas-smigħ jew tat-taħdit, int tista’ ċċempel **131 450** għas-servizz tat-traduttur. Aħna nistgħu ngħinuk ukoll billi naċċessjaw is-Servizz tal-Interpretar u tat-Traduzzjoni ta’ Victoria (Victorian Interpreting & Translating Service) jew is-Servizz Nazzjonali tar-Relay (National Relay Service).
- Iktbilna fi: **P.O. Box 1993, Bakery Hill, Vic 3354**
- Ibgħatilna email f’**swep@bhs.org.au**
- Ibgħat fax lil **03 5333 8111**

**Jekk nagħmel ilment ser insofri xi svantaġġ meta jkolli nakkorda ma’ SWEP fil-futur?**

SWEP jilqa’ l-kummenti dwar is-servizzi li joffri, inkluż kumplimenti, suġġerimenti u lmenti. Il-Kummenti kostruttiva jgħidulna x’tapprezza dwar SWEP u x-xogħol li nagħmlu, kif ukoll tgħinna nidentifikaw fejn nistgħu ntejbu. Jekk tagħmel ilment, dan ikun ittrattat b’mod diskret u intom mhu ser isoffru l-ebda svantaġġ meta jkollkom takkordaw ma’ SWEP fil-futur.

**Ser nirċievi risposta dwar l-ilment tiegħi?**

Jekk għandek ilment, dan ser jingħata risposta malajr kemm jista’ jkun. Biex tgħinna nirrispondi malajr u b’mod effettiv, aħna nitolbuk li:

- Tgħidilna jekk għandekx bżonn għajnuna biex tibgħatilna l-kummenti jew l-ilment tiegħek, inkluż jekk għandekx bżonn interpretu jew xi ħadd awtorizzat biex jitkellem għan-nom tiegħek.
- Agħtina dettalji speċifiċi kemm jista’ jkun dwar is-sitwazzjoni tiegħek.
- Istma’ l-istaff tagħna bil-korteżija u r-rispett.

Aħna impenjati li nieħdu bis-serjetà l-kummenti kollha u nieħdu l-passi kollha minnufih biex insolvu l-kwalunkwe problema.

**X’jiġri jekk għadni mhux kuntent bir-riżultat tal-ilment?**

Meta aħna ma nkunux nistgħu nsolvu lment b’mod li jissodisfak, aħna ser nispjegawlek għala u ngħarrfuk x’inhuma l-għażliet l-oħra li int għandek.